MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 1437/1999/1

**Technology Resources Ltd**

**vs**

**Tonio Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta’ attrici fil-5 ta’ Ottubru, 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ hames mija hamsa u sebghin lira Maltin (Lm575) rapprezentanti kompjuter *‘hardware’* li xtara mill-imsemmi hanut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi d-domanda tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, ghaliex l-eccipjent ma xtarax l-ogget imsemmi fl-avviz.

Illi ghalhekk id-domanda attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi b'din il-kawza s-socjeta' attrici qieghdha titlob il-hlas ta' hames mija u hamsa u sebghin lira (Lm575) minghand il-konvenut ghal xiri li allegatament sar minnu ta' *computer hardware* minghand is-socjeta' attrici. Franco Azzopardi direttur tas-socjeta' attrici xehed illi meta sar in-negozju, huwa ma kienx direttur, pero' mir-records tal-kumpanija tal-1998 irrizultalu li l-konvenut xtara xi apparat u hemm bilanc favur is-socjeta' attrici. Kellem lill-konvenut dwar dan in-negozju illi qallu li kien silef xi apparat li gie ritornat. Azzopardi kellem ukoll lil Alessandro Runco li kien *managing director* fi zmien in-negozju u kkonferma mieghu li kien sar self ta' xi apparat.

Il-konvenut ighid a fol 17 illi lil Alessandro Runco jafu personalment. Kien talbu jaghmillu pjacir u jselliflu xi apparat ghax-xoghol tieghu. Skond il-konvenut l-apparat zammu minn Novembru sa Ottubru tas-sena ta' wara u ma sar ebda hlas. L-apparat kien jikkonsisti biss f'tower u gie ritornat fl-ufficcju tas-socjeta' attrici.

Alessandro Runco xehed a fol 29 u qal li huwa kien managing director tas-socjeta' attrici bejn 1995 u 1998. Kien jaf lill-konvenut personalment, kemm fi zmien l-universita', kif ukoll in konnessjoni max-xoghol tieghu mal-Melita Cable. Il-konvenut kien talbu ghall-apparat biex jaghmel xi testijiet. Minhabba n-natura tax-xoghol tal-konvenut, Runco dehrlu illi dan is-self kien ser ikun ta'

beneficcju ghall-istess socjeta' billi l-Melita Cable setghu jithajjru jinnegozjaw mas-socjeta' attrici.

Fi kliemu stess Runco jghid *"lill-konvenut qatt ma beghtlu equipment, pero' kont tajtu b'self xi equipment tal-kumpanija (fol 45)".* Bhala *managing director* huwa seta' jaghmel dan is-self. A fol 46 Runco jkompli jghid *"dan il-computer li kont sellift naf li wasal lura fl-ufficini ghax rajtu hemm u xi hadd mill-impjegati kien qalli li l-computer wasal lura u dan ikkonfermajtu ghax rajtu"*. Aktar il-quddiem fl-istess xhieda tieghu Runco jghid kategorikament *"is-self illi ghamilt kien wiehed gratuwitu" (fol 46).*

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ma tara l-ebda prova tal-bejgh li allegatament sar mis-socjeta' attrici lill-konvenut. Mill-provi prodotti jidher car illi jekk gie skambjat xi apparat, dana kien purament fuq self, liema apparat probabbilment gie ritornat kif xehed Alessandro Runco. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddubita minn din ix-xhieda. Il-Qorti tosserva li s-socjeta' attrici ma gabet l-ebda prova. Qalet biss li mir-records taghha ta' l-1998 irrizultalha li sar xi bejgh ta' xi apparat, izda ma gewx esebiti provi dokumentarji ta' dan il-bejgh minkejja illi s-socjeta' tghid illi ghandha fatturi. Hu xhin hu, anke kieku dawn il-fatturi jezitu, r-realta' turi mod iehor. Hu probabbli illi l-konvenut issellef apparat biex jaghmel xi testijiet, liema apparat gie ritornat. Runco m'ghandu l-ebda dubbju fuq dan u kkonferma r-ritorn ta' l-apparat. Minkejja illi mill-bidu nett ta' din il-vertenza, kemm il-konvenut u kemm Runco nformaw lis-socjeta' attrici illi l-apparat gie mehud b'self u gie ritornat, is-socjeta' attrici kompliet b'din il-kawza biex tigi kanonizzata kreditrici fil-konfront tal-konvenut, izda dan ma jistax isir b'semplici dikjarazzjoni minghajr almenu ma jintlahaq dak il-grad ta' prova rikjesta mill-ligi..

Il-Qorti jidrilha li mill-provi prodotti s-socjeta' attrici ma lahqitx din il-grad ta' prova, lanqas fil-grad ta' probabilita',

liema grad pero' ghadda favur il-konvenut bix-xhieda tieghu u provi minnu prodotti.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba tas-socjeta' attrici. Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------